## Kampjonat 1959-60

# Floriana u St. George's jipprotestaw dwar l-użu ta' Joe Cini ta' Hibernians




Joe Cini jidher fit-team ta' Hibernians, bil-wieqfa, it-tieni mil-lemin

**It-Tielet Ġurnata**

**15-11-1959:**
**Hibernians FC – St. George's FC 3-0**
**H.T 0-0**
**Att: 5,986**
**Skurjaw: F. Church (H) 55', J. Cini (H) 72' u F. Church (H) 89'.**
**Referee: Turu Lentini**

*Hibernians FC:* Lolly Rizzo, Johnnie 'Il-Ġemel' Privitera, Louis Theobald, Joe 'Puskas' Muscat, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Sunny Anastasi, Fredu Church, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Jimmy Mizzi, Joe Cini, Ċikku 'In-Nagħġa' Xuereb.

*St. George's FC:* Ġużi 'Yumi' Bonnici, Karmenu Frendo, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Freddie Delia, Joe Mizzi, Peppi Delceppo, Eddie 'Il-Bagaga' Mizzi, Nenu 'Il-Beċċun' Mizzi, Leli Stivala, Salvu 'Scotch' Scicluna, Joe 'Il-Felli' Ciantar.

1. Hibernians kienu talbu u kisbu l-permess mingħand QPR tal-Ingilterra biex jagħmlu użu mill-player Joe Cini li kien jinsab Malta sabiex jilgħab mat-team Olimpiku Malti.

St. George's daħħlu protest kontra l-użu tal-player Joe Cini minħabba li sostnew li dan kien inġieb f'Malta għas-spejjeż tal-MFA biex jilgħab biss mat-team Olimpiku Malti.

Fl-1 ta' Diċembru 1959 il-Competition Disputes Committee ħabbar li ma kienx qed jilqa' il-protest ta' St. George's minħabba li Joe Cini kien rreġistrat bħala amateur player ta' Hibernians u l-club Pawlist m'għandux bżonn permess biex jilgħab player tiegħu f'kampjonat tal-MFA. St. George's appellaw mis-sentenza iżda tilfu anke l-Appell fl-14 ta' Jannar 1960 b'seba' voti kontra wieħed.

2. Il-goalkeeper Lolly Rizzo ddebutta ma' Hibernians wara li fit-2 ta' Novembru 1959 huma kienu akkwistawh mingħand Birkirkara. Rizzo kien iddeċieda li ma jilgħabx iktar football wara t-telfa ta' 4-2 ta' Birkirkara FC kontra Rabat FC tal-istaġun ta' qabel. Min-naħa tagħhom Hibernians taw lura lill-goalkeeper Nenu Bugeja lil Birkirkara bi bdil ma' Rizzo.

3. St. George's FC sofrew l-ewwel telfa tagħhom wara 19-il rebħa konsekuttiva. Huma kienu rebħu l-kampjonat tat-Tieni Diviżjoni fl-istaġun ta' qabel b'punti massimi minn 14-il partita, rebħu wkoll tliet logħbiet oħra fin-Knock-Out tat-Tieni Diviżjoni filwaqt li bdew dan il-kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni b'żewġ rebħiet.

**21-11-1959:**
**Hibernians FC – Floriana FC 0-0**
**Att: 5,719**
**Referee: Joe M. Cassar Naudi**

*Hibernians FC*: Lolly Rizzo, Johnnie 'Il-Ġemel' Privitera, Joe Bugeja, Joe 'Puskas' Muscat, Louis Theobald, Maurice Vella Borg, Fredu Church, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Jimmy Mizzi, Joe Cini, Joe Ebejer.

*Floriana FC*: Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Lolly Debattista, Pullu Mousu', Eddie Bonnett, Fred Barry, Freddie Vella James, Alfred Agius, Żarenu Alamango, Billy Dalli, Lolly Borg, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

1. Il-partita ntlagħbet f'riħ qawwi li għamlet il-kontroll tal-ballun diffiċli.

2. Ir-referee Joe Cassar Naudi kien qed jirritorna fil-football Malti wara nuqqas ta' sena u tmien xhur wara li kien mar l-Ingilterra jieħu kors fuq is-Servizzi Soċjali. Huwa kien irritorna Malta fl-10 ta' Ottubru 1959. L-aħħar partita li kkontrolla kienet fid-29 ta' Marzu 1958 fir-rebħa ta' Ħamrun Spartans fuq Birkirkara bl-iskor ta' 4-2.

3. Wara tmien minuti logħob il-player ta' Floriana Fred Barry qasam fuq għajnejh u rritorna disa' minuti wara b'faxxa ma' rasu. Floriana diġà kellhom lid-difensur l-ieħor Eddie Bonnett qed jilgħab b'rasu nfaxxata wara li hu wkoll kien qasam fuq għajnejh wara li ntlaqat miż-żarbun ta' Sammy Nicholl fl-aħħar ħarġa kontra Sliema fejn kien hemm il-ħtieġa li jsirulu xi punti.

4. Hibernians kienu qed jilgħabu mingħajr Leli Attard li ftit minuti qabel bdiet il-partita ħassu ħażin u tħalla barra mit-team.

5. L-istess kif kienu għamlu St. George's anke Floriana daħħlu protest quddiem l-MFA wara li Hibernians għamlu użu mill-player Joe Cini. Ir-rappreżentant ta' Floriana fil-Kunsill tal-MFA Joe Martinelli argumenta li Joe Cini kien ma kienx amateur player.

Huwa qal li bħala prova kellu disa' affidavits ta' persuni li jgħidu li meta kien player ta' Floriana Joe Cini kien irċieva l-flus. Huwa kompla jgħid li l-Amateur status tiegħu kompla jinkiser ftit ġranet qabel mill-MFA stess li ħallsitlu l-passaġġ biex ġie lura Malta u dan bi ksur ta' Rule 29 tal-MFA u Rule 24b tal-FA ta' Londra.

Carmelo Baluci, ir-rappreżentant ta' Hibernians, argumenta li l-MFA kienet tagħtu lura l-Amateur Status tiegħu u kkonferma li qabel lagħbu lil Cini huma kitbu lil Stanely Rous tal-FA Ingliża u dan ikkonfermalhom li Joe Cini kien Amateur.

Il-protest ta' Floriana ma ġiex milqugħ b'deċiżjoni tal-Competitions Dispute Committee tat-2 ta' Diċembru 1959. Huma tilfu anke l-Appell b'deċiżjoni oħra tas-17 ta' Diċembru 1959 bi tmien voti kontra, wieħed favur u żewġ astensjonijiet.

**22-11-1959:**
**Birkirkara FC – Ħamrun Sp. FC 3-1**
**H.T 3-0**
**Att: 2,811**
**Skurjaw: N. Chircop (B) 5' u 17', L. Bugeja (B) 27' u T. Cassar (Ħ) pen. 50'.**
**Referee: Carmel Galea**

*Birkirkara FC*: Nenu Bugeja, Tony 'Euchar' Grech, Leli Mallia, Leli Pace, Emmanuel 'Id-Diju' Borg, Norman Bell, Leli Theuma, Leli Tonna, Nenu Chircop, Louis Bugeja, Cassar.

*Ħamrun Sp. FC*: Johnnie Chetcuti, John Fondacaro, Freddie 'Ix-Xibby' Sciberras, Neville Mallia, Louis Bonello, Effie Borg, Pawlu Buttigieg, Bertu Calleja, Carmelo 'In-Nene' Grech, Freddie 'It-Tirjule' Borg, Twanny 'Il-Ginger' Cassar.

1. Hekk kif daħlu jistrieħu fi żvantaġġ ta' tliet goals il-players ta' Ħamrun Spartans kellhom jingħataw protezzjoni mill-Pulizija bil-kavallerija minħabba r-rabja tal-partitarji tagħhom li ngabru viċin id-dressing rooms.

B'konsegwenza ta' dan, fil-5 ta' Diċembru 1959 fil-Qorti, Karmenu Bugeja ta' 51 sena weħel għaxar xelini, meta nstab ħati li waddab sigarett jixgħel lejn il-player Freddie Borg u laqtu f'dahru. Bugeja kien ċaħad l-akkuża u qal li hu kien għajjar biss lill-player.

2. Leli Pace ta' Birkirkara weġġa' f'nofs it-tieni taqsima u kellu jħalli l-ground. Madankollu l-Ispartans ma damux wisq b'raġel aktar minħabba li 'In-Nenè' Grech tkeċċa 15-il minuta mit-tmiem wara li ta daqqa ta' ras lill-player avversarju. Grech, li fl-ewwel taqsima kien diġà ġie ammonit għal ritaljazzjoni, kellu jiġi maħruġ mill-Pulizija wara li rrifjuta li joħroġ mill-ground. Aktar tard huwa kien ġie sospiż xahrejn (li ssarfu f'żewġ logħbiet) mill-Bord tad-Dixxiplina tal-MFA.

3. Nenu Chircop li skorja tnejn mit-tliet goals ta' Birkirkara, minflok fuq ir-ramel tal-Gżira Stadium suppost li kellu jkun fir-ramel tad-deżert tal-Afrika ta' Fuq mas-2nd H.A.A Regiment Royal Malta Artillery iżda tħalla Malta mill-Armata biex ikun jista' jilgħab mat-team Olimpiku Malti. Birkirkara ggwadanjaw minn din id-deċiżjoni.

4. Nenu Bugeja rritorna jilgħab fit-team Karkariż wara li fit-2 ta' Novembru, 1959, kien involut fit-trasferiment li ra lil Hibernians u Birkirkara jibdlu l-goalkeepers Lolly Rizzo u Nenu Bugeja.

**28-11-1959:**
**Valletta FC – St. George's FC 3-0**
**H.T 1-0**
**Att: 4,307**
**Skurjaw: J. Urpani (V) 28', J. Zammit (V) 56' u N. Mackay (V) 70'.**
**Referee: Turu Lentini**

*Valletta FC:* Tommy Taylor, Walter Bone, Edwin 'Dwinu' Schembri, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Joe Cilia, Johnnie Darmanin, Joe 'Il-Ginger' Zammit, Josie Urpani, Mario Azzopardi, Frankie Zammit, Alfred 'Il-Waniż' Borg.

*St. George's FC*: Ġużi 'Yumi' Bonnici, Karmenu Frendo, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Freddie Delia, Joe Mizzi, Joe 'Il-Felli' Ciantar, Eddie 'Il-Bagaga' Mizzi, Nenu 'Il-Beċċun' Mizzi, Leli Stivala, Salvu 'Scotch' Scicluna, Freddie Demanuele.

1. St. George's lagħbu kważi l-partita kollha b' għaxar players meta Salvu Scicluna weġġa' wara tmien minuti f'ħabta mall-goalkeeper avversarju Tommy Taylor. Huwa baqa' jzappap fil-ground sat-30 minuta meta mbagħad ħareġ u ttieħed dritt l-isptar f'ambulanza. Scicluna dam barra mil-logħob erba' xhur.

2. Valletta kellhom lura fit-team lil Johnnie Darmanin wara li kien weġġa' fi friendly ta' qabel il-kampjonat kontra Marsa. Darmanin daħal lura minflok Karm Borg. Anke Urpani, kien fit-team Belti, wara li kien dubjuż minħabba li weġġa' fil-logħba tat-team Olimpiku Malti kontra l-Marokk tad-9 ta' Novembru, 1959.

Hibernians FC u St. George's FC lagħbu partita iktar. Sliema Wdrs u Marsa FC lagħbu partita inqas.

Klassifika: Hibernians FC 6 pti.; St. George's FC, Valletta FC u Floriana FC 4 pti.; Sliema Wdrs FC u Birkirkara FC 2 pti.; Ħamrun Sp. FC u Marsa FC 1 pt

L-Aqwa Skorers: J. Zammit (Valletta FC) u N. Chircop (Birkirkara FC) 3 goals; L. Sultana u F. Church (Hibernians FC); F. Abela (Marsa FC), N. Mizzi (St. George's FC) 2 goals.

## Aħbarijiet

# Il-parteċipazzjoni ta' Malta fil-Logħob Olimpiku

Fis-26 ta' Ottubru, 1959, bi tħejjija għall-partiti ta' kwalifikazzjoni għal-Logħob Olimpiku tal-1960 f'Ruma kontra l-Marokk u t-Tuneżija, it-team Olimpiku Malti lagħab partita ta' ħbiberija kontra MFA XI li spiċċat fi draw ta' 3-3. It-team Olimpiku kien mingħajr il-players Eddie Bonnet, John Delia u Sammy Nicholl iżda lagħab Joe Cini li ma qalibx professional ma' QPR proprju biex ikun jista' jilgħab mat-team Olimpiku Malti.

Fit-2 ta' Novembru 1959, quddiem folla ta' 12,000 spettatur fl-Istadium, Malta fetħet l-impenji tagħha fi Grupp 3 bi draw ta' mingħajr goals fl-Istadium tal-Gżira kontra t-Tuneżija. It-team Olimpiku Malti lagħab hekk: Freddie Mizzi (Floriana), John Delia (Melita), Alex Gollcher (Sliema Wdrs.), Frankie Zammit (Valletta FC), Eddie Bonnett (Floriana FC), Nenu MacKay (Valletta FC), Josie Urpani (Valletta FC), Joe Cini (QPR), Mario Azzopardi Valletta FC), Sammy Nicholl (Sliema Wdrs. FC) u Nenu Chircop (Birkirkara FC).

Ġimgħa wara, fid-9 ta' Novembru, 1959, Malta lagħbet it-tieni partita tagħha fi Grupp 3 ta' kwalifikazzjoni, meta fl-Istadium tal-Gżira għal darb'oħra spiċċajna l-partita fi draw ta' 2-2. Billy Dalli, fl-14-il minuta, u Nenu Mackay, fil-55 minuta, taw vantaġġ ta' żewġ goals lit-team Olimpiku Malti qabel ma Benchoufron u Baba, fit-63 u 65 minuta, kisbu d-draw għal Marokk.

Mit-team li lagħab kontra t-Tuneżija Billy Dalli lagħab minflok Mario Azzopardi filwaqt li Eddie Theobald lagħab minflok Nenu Chircop.

Fil-partiti away tal-Grupp, Malta tilfet 2-0 kontra t-Tuneżija fis-6 ta' Diċembru 1959 u tilfet 2-1 mal-Marokk fit-12 ta' Diċembru 1959 bil-goal Malti jiskorjah Billy Dalli, fil-35 minuta.

Jakkumpanjaw lit-team Malti kien hemm il-President tal-MFA Dr. Henry Copperstone, il-Viċi President Dr. Maurice Decesare, il-membru tal-Kunsill Robert Borg Olivier, it-team Manager Victor Vassallo, Tony Griffiths minkejja li kien għadu kemm irriżenja minn coach nazzjonali u l-masseur A. Scalpello.

Il-players Frankie Zammit u Josie Urpani għall-ewwel irrifjutaw li jagħmlu l-vjaġġ lejn l-Afrika minhabba l-epidemija li kien hemm fil-Marokk bil-marda tal-polio, iżda huma bidlu fehmthom ftit qabel il-kontinġent ħalla Malta meta ġew aċċertati li ma kienx hemm periklu.